MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 5/2009

**Kevin Azzopardi.**

**vs**

**L-Awtorita` Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Kevin Azzopardi datat 23 ta' Marzu 2009 a fol. 2 tal-process fejn espona:-

Illi b'decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar datata 6 ta' Marzu 2009 u li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok "KA 1", gie michud l-appell interpost quddiem il-Bord wara illi l-applikazzjoni tal-esponenti li ggib in-numru PA 1235/06 kienet giet rifjutata mill-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp fil-25 ta' Gunju 2007;

Illi l-applikazzjoni tal-esponenti hija "*demolish existing building and construction of basement garages and overlying apartments*" minflok il-fond "St Rita", Triq San Gwann, Gharghur;

Illi l-esponenti jhoss ruhu aggravat b'tali decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar u bil-prezenti, qieghed jinterponi umli appell;

Illi l-aggrawji tal-esponenti huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi fid-decizjoni tieghu, l-Bord applika ghamel applikazzjoni hazina tal-*policies* vigenti meta applika l-Pjan Lokali tal-Gharghur ghal dak li jirrigward l-*height limitation* ghas-sit in kwistjoni.

Illi l-Bord naqas milli jikkunsidra u japplika l-*Part 17 tal-Policy & Design Guidance 2007* li hija l-*policy* applikabbli ghas-sit in kwistjoni. Din il-*policy* giet imfassla wara l-approvazzjoni tal-Pjan Lokali u tipprovdi ghal "*height relaxation policy*" li huwa applikabbli limitatament ghal dawk l-applikazzjonijiet li gew intavolati qabel it-3 ta' Awwissu 2006. Il-parti rilevanti tal-*policy* hija s-segwenti:

*"The following provisions are applicable solely to applications which were duly submitted to MEPA on or before 3rd August 2006. Nothing contained in this section is in any way applicable to applications which were submitted to MEPA after 3rd August 2006:*

*b) With the introduction of local plans, the height relaxation policy is no longer applicable. For applications submitted prior to the local plans however, the height relaxation policy is applicable provided that*

*(i) there are commitments in the immediate vicinity and within the same street which have been permitted as three floors on the basis of that policy;*

*(ii) the resultant development is compatible with its immediate surroundings and that the additional floor will result in an improved streetscape."*

Illi jirrizulta illi l-applikazzjoni PA 1235/06 giet intavolata u validata fit-22 ta' Mejju 2006 u konsegwentement, il-Bord kien obbligat illi jezamina l-applikazzjoni tal-appellant fl-isfond ta' din il-*policy* u mhux tal-Pjan Lokali ghall-Gharghur, haga li evidentement ma saritx. L-applikazzjoni tal-*Parti 17 tal-Policy & Design Guidance 2007* giet sollevata quddiem il-Bord da parti tal-appellant u anke saret trattazzjoni dwarha. Pero`, il-Bord certament ma kkunsidrahx jew imqar ghamel riferenza ghaliha fid-decizjoni tieghu;

Illi waqt it-trattazzjoni tal-appell, kienu gew citati numru ta' permessi li kienu nghataw fl-istess triq ghal zvilupp fuq tliet sulari li huma s-segwenti:

1. PA 5975/02 F'dan il-kaz, id-Direttorat kien qal hekk fir-rapport tieghu:

*"It is to be noted that the site in question is located in an area that has no village core characteristics including the existing building in question. Thus, the request to demolish the existing building can be favorably recommended.... Considering that there are other three storey buildings in the area as shown on drawings (Red 17D) submitted by the architect, the proposed three storey development with an underlying basement may be favorably recommended since it would be compatible with the height of adjacent buildings, thus not leaving an adverse visual impact on the streetscape;*

2. PA 6111/04 - F'dan il-kaz, id-Direttorat stess kien qal hekk fir-rapport tieghu:-

*"The proposed development of a three-storey block of residential units is therefore considered acceptable as it will not exceed the predominant height of the streetscape"*

3. PA 6632/01 Dan il-permess nghata ghat-twaqqiegh ta' binja fuq sular wiehed u l-kostruzzjoni minflokha ta' *basement*, *ground floor garages*, zewg appartamenti u *washrooms*.

4. PA 5499/96 Dan il-permess nghata ghall-bini ta' zewg livelli fuq il-*ground floor*.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi sottomess illi l-Bord naqas milli jezamina t-talba tal-esponenti ghat-twaqqiegh tal-binja skont dawk il-kriterji li huma stabbiliti skont il-*policy* dwar "Development Control within Urban Conservation Areas Design Guidance" li gie approvat f'Lulju 1995 u li jelenka specifikatament dawk

*"In considering an application involving demolition, special attention will be paid to:*

*A. The state of repair of the existing building, including dampness, deterioration of stone and structural safety;*

*B. The internal condition of buildings, in particular: sanitation, room size, levels of natural lighting and other internal structural condition;*

*C. The existing use of the building or its most recent use, if vacant;*

*D. The context of the building, including any important features of the streetscape, adjacent building heights, adjacent uses etc;*

*E. Any adjacent features on facade, as described in Appendix A;*

*F. Any internal features, such as barrel vaults, arches, etc;*

*G. Any other significant elements*
*(the above are not in order of priority)"*

Illi ghandu jinghad illi l-Bord ma kkunsidrax dawn il-fatturi kollha li huma elenkati fil-*policy* approvata appozitament ghal zoni ta' konservazzjoni urbana; anzi jigi sottomess illi l-konkluzzjoni tal-Bord fid-decizjoni hija djametrikament opposta ghal dak illi kkonstata l-Bord waqt l-access li kien sar fis-27 ta' Mejju 2008 fejn il-Bord kien ivverbalizza illi l-binja ma kien fiha *"xejn ta' importanza arkitettonika u kollox jidher modern";*

Illi n-nuqqas tal-Bord illi jezamina u jikkunsidra l-proposta tal-esponenti fl-isfont tal-*policies* applikabbli, u r-riferenza minflokom ghal *policies* ohra li mhumiex applikabbli ghall-kaz jammonta ghal applikazzjoni hazina tal-*policies* u jikkostitwixxi punt ta' dritt;

Illi l-Bord huwa marbut illi japplika l-*policies* vigenti ghat-tenur tal-**artikolu 33 tal-Kap 356 tal-Ligijiet ta' Malta** izda dan m'ghamlux peress illi minflok ma kkunsidra jew applika l-*policies* fuq elenkati, il-Bord applika *policies* ohra.

Illi, f'dan ir-rigward, l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet "**Michael Gatt vs l-Awtorita tal-Ippjanar**" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru 2001 (App 220/00) fejn il-Qorti ddecidiet illi n-nuqqas tal-Bord milli jikkunsidra kwistjonijiet u fatturi li gew sollevati u trattati quddiemu stess kien iwassal ghan-nullita` tad-decizjoni tieghu. Fis-sentenza taghha, l-Qorti qalet hekk:

*"Fil-fehma konsiderata tal-Qorti, il-Bord ma setax semplicement jenuncja principju ta' dritt li ghalkemm kien relevant ghall-kaz, ma kienx awtomatikament jeskludi konsiderazzjonijiet ohra, fosthom setghat ohra u diskrezzjoni li kienu gew konferiti mill-Att tal-Ippjanar fuq il-Bord stess. Fil-fehma tal-Qorti, il-Bord ma setax jinjora dawn il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li setghu kienu benissimament applikabbli ghall-kaz u b'hekk il-Bord gie li ma trattax b'mod legalment koerenti u korrett il-kwistjoni ta' dritt li kellu quddiemu biex jirrizolvi."*

Illi l-esponenti umilment jissottometti illi dan in-nuqqas da parti tal-Bord ghandu jwassal sabiex id-decizjoni tal-Bord

tal-Appelli dwar l-Ippjanar tas-6 ta' Marzu 2009 ghandha tigi dikjarata nulla u l-atti jigu rimessi lill-Bord sabiex jiddeciedi l-kaz mill-gdid;

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-esponenti, filwaqt li jaghmel riferenza ghall-provi gja prodotti u jirrizerva li jgib provi ohra skont il-ligi, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar li l-Ippjanar tas-6 ta' Marzu 2009 fl-ismijiet premessi in kwantu cahdet l-appell u kkonfermat ir-rifjut relattiv u tirrimetti u tordna illi l-process relattiv jigi rimess lill-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar sabiex l-istess, wara li jinstemghu l-provi kollha necessarji u jigi trattat il-mertu tal-appell, jiddeciedi l-kaz skont il-ligi.

Rat id-dokumenti esebiti a fol. 6 sa 10 tal-process;

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 16 ta' April 2009 a fol 11 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet **"Kevin Azzopardi vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** deciz mill-istess Bord.

Rat ir-risposta tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 2 ta' Gunju 2009 a fol 15 tal-process fejn esponiet bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament l-appell interpost mis-socjeta' appellanti huwa null *stante* li ma sarx skont l-**artikolu 15(2) tal-Att dwar l-Ippjanar ta' Izvilupp (Kap.356)** li jghid hekk:-

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri)".*

Illi dan kien konfermat diversi drabi b'sentenzi ta' din l-Onorabbli Qorti, fosthom fis-sentenza **Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp**; (Decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996). **Anthony Borg vs L-Awtorita' tal-Ippjanar (**Qorti tal-Appell - Decizjoni ta' l-24 ta' April 1996); **Francis Mugliett vs L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**"

(Qorti tal-Appell - Decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996); **Zaren Camilleri vs Awtorita` tal-Ippjanar** (Decizjoni tat-28 ta' Frar 1997 - Qorti tal-Appell); **Joseph Attard vs Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp** (Appell numru 13/01/RCP deciz fit-28/10/2002); **Tonio Azzopardi vs Awtorita` tal-Ippjanar** (Decizjoni tat-28 ta' Ottubru 2002)

2. IIIi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi bir-rispett sottomess illi l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa daqstant null *stante* illi l-Bord huwa tenut illi jitratta u jiddeciedi fuq punti mqajma mill-appellanti fir-rikors tal-appell tieghu, u mhux punti mqajma fi stadju ulterjuri, dejjem jekk effetivament dawn fir-realta jkunu tqajmu. Illi l-appellant jissottometti illi l-Bord naqas milli jikkunsidra u japplika l-*Parti 17 tal-Policy and Design Guidance 2007.*

3. Illi *oltre* minn dan jinghad illi l-Bord huwa tenut li jirrevdi id-decizjoni taI-Awtorita` tal-Ambjent u l-Ippjanar, u mhux li jidhol fuq *'policies'* illi setghu jkunu dahlu fis-sehh wara li l-Awtorita' tkun tat id-decizjoni taghha.

Illi fil-mertu, il-Bord qies ukoll jekk kienx hemm xi *'committment'* a bazi ta' xi permessi illi l-appellant ghamel referenza ghalihom quddiem l-istess Bord, permessi li fi kliem l-istess Bord ma *"jistghux jitqiesu bhala 'committments' li ghandhom iwasslu sabiex wiehed jinjora l-'policies' u l-height limitations' kif stabbilit fil-pjan lokali".* Fir-realta', din il-konkluzjoni tal-Bord tinkwadra ruhha fil-kriterju stabbilit fil-*Parti 17 tad-Policy and Design Guidelines*, u certament illi tali valutazzjoni fattwali ma taqax fil-gurizdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.

4. Illi l-istess jinghad ghat-tieni aggravju tal-appellant u cioe' illi l-istess Bord naqas milli jezamina t-talba tal-appellant ghat-twaqqiegh tal-binja skont il-kriterji stabbiliti fid-Development Control within *Urban Conservation Areas Design Guidelines tas-sena 1995*. Illi bir-rispett kollu, filwaqt li jerga' jigi ribadit illi l-evalwazzjoni teknika u fattwali dwar jekk binja ghandix titwaqqa, *in parte* jew *in toto*, hija konsiderazzjoni fattwali li tezorbita l-gurizdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti. Hawnhekk qed issir referenza ghall-ewwel parti tad-*decide* tas-sentenza tal-Bord tal-

Appelli fejn kuntrarju ghal dak allegat mill-appellant, il-Bord qies u ddecieda fuq il-punt dwar jekk il-binja, jew il-faccata taghha ghandiex titwaqqa jew le. Tant illi l-istess Bord ikkwota u rrefera ghall-parir tekniku sottomess mill-Heritage Advisory Committee kif ukoll ghal konstatazzjoni fattwali maghmula minnu waqt access fuq is-sit *de quo*.

5. Ghaldaqstant certament illi wiehed ma jistax jallega illi l-Bord naqas milli jezamina t-talba ghat-tawqqiegh tal-binja, *stante* illi tali talba giet evalwata kemm mill-HAC u sussegwentement mid-DCC, u finalment mill-istess Bord tal-Appelli, illi kif diga` inghad izjed ‘il fuq ghandu funzjoni revizorja ghad-decizjoni precedenti tad-DCC.

*In vista* tal-premess, l-Awtorita' esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia` prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord tal-Appell tas-6 ta' Marzu 2009 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mil-Ligi, titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellanti u tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, bl-ispejjez kontra l-istess l-appellanti.

Rat il-il-verbal tas-seduta mizmuma fit-3 ta’ Gunju 2009 fejn meta ssejjah l-appell dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr. Tanya Sciberras Camilleri esebiet kopja tal-*policy* li ghamlet referenza ghaliha fir-rikors tal-appell immarkata bhala Dok. “TSC”. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ Novembru 2009

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi dan l-appell jittratta applikazzjoni li saret ghall-fond St. Rita, Triq San Gwann, Gharghur fejn intalbet id-demolizzjoni ta’ l-istess u il-bini ta’ appartamenti ghal tliet sulari u garaxxijiet sottostanti l-istess, liema applikazzjoni giet rifjutata peress li l-gholi rikjest immur kontra l-pjan

lokali (GRM 3) u wkoll ghaliex immur kontra Structure Plan Policy UCO 6, 7 u UCO 9.

Illi minn din id-decizjoni sar appell datat 30 ta' Lulju 2008 quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fejn fl-ewwel lok issottomettew li fl-istess triq u mal-istess naha kienu inhargu 4 permessi hemm specifikatament indikati fejn bini tal-istess gholi gie approvat b'permessi tal-istess Awtorita' (Numri 5975/02; 6111/04; 6632/01; 5499/96) u wkoll peress li ghall-kaz in ezami tapplika parti 17 tad-Development Control Policy and Design Giudance 2007 fejn tipprovdi ghal rilassiment tar-regoli dwar il-massimu ta' gholi permessibbli ghall-applikazzjonijiet li kienu saru qabel u sat-3 ta' Awissu 2006 u dan apparti aggravji ohra dwar l-applikazzjoni tal-Policy UCO 7 u UCO 9.

Illi fid-decizjoni tieghu l-Bord ta' l-Appell jidher li adotta bhala tieghu l-konsiderazzjonijiet li saru lilu fir-rapport tal-Awtorita' datat 19 ta' Settembru 2007 fejn jinghad li fost affarijiet ohra li vera hemm permessi ta' tlett sulari, izda la dawn hargu qabel ma' giet *in vigore* l-Pjan Lokali, dawn ma jistghux jittiehdu bhala precedent u ghandu japplika l-Pjan Lokali. Fil-fatt l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar sostna li l-Pjan Lokali llum jistabbilixxi massimu gholi ta' zvilupp ta' zewg sulari u l-permessi li hargu ma jistax jitqiesu bhala *committments* li jwasslu sabiex jigu njorati l-*policies* u l-*height limitations* kif stabbiliti fil-pjan lokali.

Illi l-appell odjern huwa bbazat fuq il-punt li fid-decizjoni tieghu l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar naqas li jikkonsidra l-applikazzjoni fid-dawl tal-Parti 17 tad-*Development Control Policy and Design Giudance 2007* li tipprovdi ghal rilassiment tar-regoli dwar il-massimu ta' gholi permissibbli ghall-applikazzjoni li kienu saru qabel u sat-3 ta' Awissu 2006 u dan meta l-applikazzjoni in kwistjoni giet intavolata fit-22 ta' Mejju 2006; u ma dan inghad ukoll li saret riferenza ghal numru ta' permessi li nhargu mill-Awtorita fuq l-istess triq li hallew zvilupp ta' tlett sulari; ma' dan inghad ukoll li fuq il-punti l-ohra l-Bord ma ezaminax it-twaqqieh tal-istess binja abbazi tad-

Development Control with the Urban Conservation Areas Design Guidance approvat f'Lulju 1995.

Illi l-ewwel eccezzzjoni moghtja mill-Awtorita' appellanti hija fis-sens li dan ma jammontax ghall-punt ta' dritt skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15 (2) tal-Kap. 356,** izda din il-Qorti thoss li dan il-punt jammonta ghall-punt ta' dritt appellabbli quddiem din il-Qorti skont l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356** peress li effettivament dak li l-appellant qed jilmenta minnu huwa li l-Bord naqas li jittratta s-sottomissjonijiet tieghu fis-sens li ghall-kaz in ezami kienu japplikaw kemm id-disposizzjonijiet tal-Parti 17 tad-*Development Control Policy and Design Giudance 2007* ghall-applikazzjonijiet li saru qabel u sat-3 ta' Awissu 2006 u dan apparti li gie indikat li fl-istess *area* jekk mhux triq kien hemm *committment* ghall-bini ta' tlett sulari; u kif ukoll dwar twaqqiegh tal-istess bini id-disposizzjonijiet tad-*Development Control with the Urban Conservation Areas Design Guidance approvat f'Lulju 1995.*

Illi din il-Qorti thoss li l-punt innifsu fejn qed jigi allegat li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ma kkunsidrax is-sottomissjonijiet li saru quddiemu mill-appellant huwa punt ta' dritt u allura din l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda u hawn issir riferenza ghas-sentenza **"Marie Louise Farrugia vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C – 30 ta' Novembru 2006) fejn inghad li l-aggravji u l-punti mressqa mill-partijiet kellhom jigu epurati u decizi b'motivazzjoni debitament studjata biex taghti sodisfazzjon anke lill-parti telliefa, b'mod li l-argumenti tal-partijiet jew ta' xi wahda minnhom ma ghandhomx jigu skartati qishom lanqas biss saru jew sempliciment b'zewg kelmiet li effettivament warbbu milli jittrattataw l-istess aggravji jew sottomissjojnijiet, u dan ghaliex il-fatt innifsu li l-Bord ma jittrattax l-istess aggravji huwa fih innifsu punt ta' dritt deciz mill-Bord skont il-ligi appellabbli quddiem din il-Qorti ghaliex imur kontra l-principju ta' *cerimus paribus* u wkoll huwa nuqqas ta' applikazzjoni ta' gustizzja skont il-ligi bejn il-partijiet. F'dan is-sens hemm sensiela ta' decizjonijet fosthom dik fl-ismijiet **"Michael Gatt vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. – 19 ta' Novembru 2001);**"Alex Montanaro noe vs il-Kummissjoni ghall-**

**Kontroll tal-Izvilupp"** (A.C. deciza fid-9 ta' Frar, 2001); **"Michel Dingli vs l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"**; **"Max Zerafa vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 12 ta' Jannar 2004); **"Consiglio D'Amato vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. – (VDG) (JDC) (JAF) - 24 ta' Mejju 2004); **"Carol Galea vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. – (VDG) (JDC) (JAF) - 1 ta' Ottubru 2004); u **"Siliano Sammut vs Il- Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. – (VDG) (JDC) (JAF) - 3 ta' Dicembru 2004). B'hekk l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita' appellata qed tigi michuda u qed jigi sostnut li l-appell kif intavolat mill-appellanti huwa permessibbli skont il-ligi.

Illi dwar il-punt jekk fil-verita' l-istess decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ikkonsidratx l-aggravji mressqa mill-appellanti quddiemha din il-Qorti thoss li minn ezami tal-istess decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar (Bord) fil-kaz in kwistjoni kull ma ghamel l-istess Bord kien biss li qal li la darba llum hemm massimu ta' gholi impost ghall-istess triq ta' zewg sulari u dan skont il-Pjan Lokali mela allura kull konsiderazzjoni ohra hija rrilevanti u dan inkluz allura l-aggravji mressqa mill-appellanti quddiemu dwar l-applikazzjoni ta' Parti 17 tad-*Development Control Policy and Design Giudance 2007* ghall-applikazzjonijiet li saru qabel u sat-3 ta' Awissu 2006 u wkoll l-applikazzjoni tal-kuncett ta' *committment* ghall-bini ta' tliet sulari peress li jirrizulta li fl-istess triq inghataw permessi mill-istess Awtorita' ghall-bini tal-istess gholi llum mitlub mill-applikant.

Illi dan ifisser li l-punt ta' l-gholi ta' l-istess zvilupp l-istess Awtorita' injorat ghal kollox, u allura ma trattatx is-sottomissjonijiet tal-appellant u dawn meta l-istess kienu jifformaw il-parti principali ta' l-appell quddiemu, u kellhom jigu kkonsidrati u trattati fl-istess decizjoni, u mhux skartati kompletament qishom ma jezistux (**"Marie Louise Farrugia vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp" –** A.I.C. (RCP) – 24 ta' Frar 2003). Meta sar dan jirrizulta li l-Bord naqas li jittratta l-punti kollha sollevati quddiemu u jaghti spjegazzjoni dwar l-istess. Dwar dan il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet

**“Consiglio D 'Amato vs. Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp”.** (170/99 deciza fl-24 ta’ Mejju 2004) u dik fl-fl-ismijiet **“Joseph Muscat vs. Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** (A.I.C (PS) 9/04 PS 18 ta’ Mejju 2005.

Illi allura fid-dawl ta’ dak premess din il-Qorti thoss li dan huwa bizzejjed sabiex l-appell tal-istess appellanti jigi milqugh u allura ma hemmx bzonn li din il-Qorti tidhol fl-aggravju l-iehor, u ghalhekk a bazi tal-premess tilqa’ l-appell tal-appellanti fis-sens biss ta’ dak hawn deciz.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-Awtorita’ appellata kontenuta fir-risposta taghha ghal dan l-appell datata 2 ta’ Gunju 2009 in kwantu l-istess hija nkompatibbli ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ l-appell interpost mill-appellanti Kevin Azzopardi** fir-rikors tal-appell tieghu datat 23 ta’ Marzu 2009 u dan biss fis-sens hawn deciz u b’hekk tannulla d-decizjoni appellata tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **“Kevin Azzopardi vs l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** tas-6 ta’ Marzu 2009 u konsegwentement tibghat lura u tirrinvija l-atti lura lill-istess Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, sabiex fid-dawl ta’ din is-sentenza jiddisponi mill-kaz skont il-ligi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-Awtorita’ appellata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------